Għandek wiċċ Laskri!

Minn Mons. Prof. A. Bonnici

Nistħajjel mhiex l-ewwel darba li smajtu din l-espressjoni, li tingħad għal wieħed li għandu wiċċu mkerraħ u mqarras, jew min-natura tiegħu infisha jew minħabba xi diżappunt.

Mnejn ġejja din l-espressjoni? Laskri, jew aħjar Jean Paul Lascaris, kien Grammastru li mexxa l-Malta għal 21 sena — mill-1636 sa l-1657. Milli jidher kien Grammastru b'wiċċu dejjem imqarras. Jekk wieħed iħares lejn il-bust li hemm fil-kappella ta' Provenza fil-Knisja Konkatedrali ta' San Ġwann, jikkonferma dan. Iżda, ngħid għalija, jiena nara l-uċuħ ta' kważi l-Grammastri kollha ftit jew wisq imqarrsin. Imma Lascaris miskin leħaq ħa' l-fama. Agħtini l-fama u itfagħni l-baħar!

TA' QABLU KIEN XALATUR

Naqraw li l-predeċessur tiegħu, il-Granmastru Antoine de Paule, kien xalatur mill-kbar u fi żmienu l-Kavallieri kienu qed igħaddu ħajja ftit laxka. De Paule kien jilgħabha ta' veru prinċep: kien joħroġ f'karrozza miġbuda minn erba żwiemel bi trumbettier quddiemu jħabbar il-miġja tiegħu, u, f'okkażjonijiet kbar, kienu jeskortawh 200 suldat flimkien mal-Kavallieri. Jingħad li għall-ikel biss kien jonfoq 32,000 skud (£M2,700) fis-sena. Illum mhux wisq għal Mexxej ta' Pajjiż, imma 300 sena ilu kienet somma l-aktar kbira.

Għalhekk, meta laħaq warajh il-Grammastru Lascaris, li kien bniedem ta' 73 sena, sever u forsi xi ftit imqit ukoll, il-bixla ta' wiċċ dan dehret aktar imqarrsa minn dak li kienet tabilħaqq.

Dan il-Grammastru twieled Nizza u kien dixxendent mill-Imperaturi Bizantini: l-iskrizzjoni u d-diversi armi fil-mawsolew tiegħu jagħtu xhieda tan-nobbilta' tiegħu. Kien bniedem sewwa u ħaddiemi; ma kien jaħfirha lil ħadd.

Qanqal kontrih il-Kavallieri meta pprojbilhom li jagħmlu ballijiet u wirjiet fil-Bereġ u kisirha man-nisa Maltin meta ma ħallihomx jilbsu l-maskra fil-Karnival, u ma' dawk tal-Imdina meta fettillu jneħħi l-kanuni li kien hemm ħdejn il-Bieb ta' l-Imdina.

Iżda hu wkoll, bid-dehen tiegħu, salva l-Ordni minn xiżma, billi żamm newtralità fil-ġlieda li kien hemm fi żmienu bejn Franza u Spanja.

IL-PIXKERIJA

Tul il-maġistratura tiegħu reġa daħal f'Malta l-biżgħa ta' xi ħebb ieħor tal-gżira mit-Torok. Għalhekk Lascaris issokta jsaħħaħ id-difiża ta' Malta bil-bini ġa mibdi tas-swar tal-Furjana fuq id-disinji tal-Inġinier Taljan Pietro Floriani.

Sa żmien Lascaris, ix-Xatt tal-Belt kien twil mill-Barrakka t'Isfel sal-Pixkerija, quddiem il-Knisja ta' Liesse, fejn sa żmien ilu, kien hemm il-pont tal-laneċ tal-Port.

Il-kelma "pixkerija", mit-taljan "pescheria", tfisser post fejn jinbieħ il-ħut. Sal-lum wieħed għadu jara hemmhekk pjazzetta mdawra b'bini nofs tond bi twieqi 'l hawn u 'l hemm, fejn kien ikun espost il-ħut għall-bejgħ. Jiena niftakar lil xi nies mill-Kottonera li kienu kważi kuljum jixtru xi ħuta sabiħa minn hemm qabel ma jirkbu l-lanċa, u jeħduha magħhom id-dar. U tgħidx marthom kemm kienet tieħu gost biha!

Fil-pixkerija, għall-bidu, kien hemm funtana u statwa ta' Nettunu, alla tal-baħara. bil-foxxna f'idu, imsejħa "il-Ggant." Igħidu li dik l-istatwa tixbaħ lill-Grammastru Alof de Wignacourt li ordnaha. Maż-żmien, għajn u statwa tneħħew minn hemm u din tqegħdet fil-bitħa tal-Palazz Presidenzjali. Povru Nettunu, dejjem imneżża, fixxitwa jterter bil-bard u fis-sajf imxennaq li jaqbeż il-baħar — is-saltna tiegħu! Imma anqas biss jista' jarah b'għajnejh ,bħal meta kien fil-Pixkerija!

Il-Grammastru Lascaris ħass il-ħtieġa li mat-tkattir tal-kummerċ itawwal ix-Xatt mill-Pixkerija sal-Marsa, billi jqatta' l-blat u jwitti xatt li ssemma għalih. Imbagħad għaqqad iż-żewġt ixtut bis-saħħa ta' mina li ssejħet għalih "Mina Lascaris". Kemm il-darba għaddejna minnha dik il-mina mudlama b'niċċa u kwadru żgħir tal-Madonna, bid-dawl dejjem jixgħel quddiema, meta konna nitilgħu l-Belt bil-"lift". Tiftakruh il-"lift"? Xi darba nitħaddtu fuqu.

IL-GNIEN TAS-SULTAN

Il-Grammastru sebbaħ ukoll dawk l-inħawi billi ħawwel ġnien li n-nies bdiet issejjaħ "Il-Gnien tas-Sultan", li kont tidħol għalih minn ħdejn "Victoria Gate", li dak iż-żmien kienet magħrufa b'Porta del Monte" għall-Grammastru li fetaħha.

Il-ġnien sabieħ, imżejjen b'ħafna egħjun, kien iteilgħek b'taraġ baxx u wiesgħa lejn dar villeġġatura għall-Grammastru. Il-kompless kien jissejjaħ "Il-Belvedere" jew ir-"Rokna Delizjuża". Il-Franċiżi sejħulu "il-Favorita". Fi żmien l-Ingliżi, id-dar bdiet tintuża bħala residenza tas-Supretendent tal-Port. Illum dawk l-inħawi tila' għalihom mill qiegħ ta' Triq San Gwann u 'flok id-"Delizzjuża" tara ħafna djar żgħar u żewġ lukandi — il-'British' u l-'Harbour' Id-dħul minn ħdejn il-mina m'agħdux jintuża aktar.

Fi ċkuniti, rixtellu tal-ħadid b'warajh il-bidu ta' dak il-ġnien kellu dehra misterjuża: kont għadni ma nafx l-istorja li qed ngħidilkom. Illum tolqtok minn floku "Public Convenience" miksija b'madum abjad. li minn barra tidher li hi miżmuma nadifa. Imma, ħej, kemm nara tistona hekk fil-wiċċ ħdejn il-Bieb tal-Belt Kapitali- Ma nafx il-Grammastru Del Monte jew ir-Reġina Vittorja kienux jaħsbuha bħali M'għandi ebda okkażjoni li narahom u nsaqsihom-

IL-MALL U LAZZARETT

Post ieħor magħruf li fetaħ Lascaris kien il-Mall, jew il-"Maglio", għax fih il-Kavallieri, wara li jħallsu xi ħaġa, kienu jilgħabu il-"palla a maglio". Il-flus li jinġabru kienu jmorru għall-ħlas tas-surmast tal-matematika.

Il-Mall, kif jiftakruħ ħafna minna, kien magħluq b'żewġ ħitan wieħed fuq kull naħa. Kien iżjed dejjaq, kien aktar kenni.

Opra oħra ta'. Lascaris huwa l-bini tal-Lazzarett fuq il-Gżira Manoel. Dan kien wieħed mill-ewwel lazzaretti fl-Ewropa, fejn jittieħdu l-morda b'mard jittieħed, speċjalment bil-pesta. u fejn jinżammu l-passiġġieri li jaslu Malta minn pajjiżi mniġġsa.

Bħala bniedem ta' kultura, il-Grammastru Lascaris fl-1644 daħħal f'Malta l-ewwel stamperija, li ġiet imwaqqfa minn Pompeo del Fiore. f'kamra fil-bini tal-Fran tal-Ordni.

Hu fetaħ ukoll Bibljoteka ċkejkna fis-sala li hemm fuq l-Oratorju ta' San Gwann, fejn illum hemm parti mill-Mużew tal-Konkatedral, u ordna li fiha jinġabru l-kotba li jħallu l-Kavallieri wara mewthom.

Grajja, li ftit semgħu biha u li ġrat fi żmien Lascaris, kien ix-xiri mill-Ordni Gerosolmitan ta' xi gżejjer ta' l-Antilli fil-West Indies — San Kristofru, San Bartilmew, San Martin u dik ta' Santa Cruz fil-Kalifornja. Dawn tmexxew minn Balliju jew Kavallier għan-nom tal-Ordni u tal-Grammastru. Fl-1665, il-gżejjer tal-Antilli inbiegħu lill-West India Company.

Wara li smajna dan kollu fuq il-Grammastru Lascaris, żgur li nħossu ġo fina li m'għandniex inħarsu lejħ biċ-ċiera, avolja hu jibqa' — kif għamlitu n-natura — iħares lejna b'ħarsa mqarrsa!